MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 383/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Borg**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josef Borg – detentur tal-karta ta’ identita` nru 578391(M) – talli (**1**) nhar is-7 ta’ Settembru 2005 ghall-habta tas-2.45 pm f’Ta’ Qali, limiti tar-Rabat (Malta) bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju mill-vettura b’numru tar-registrazzjoni IAA-061 ta’ l-ghamla Opel Kadett, saq l-istess vettura kemm b’forza mekkanika jew b’mod iehor minghajr il-permess tas-sid jew awotrita` ohra legittima; (**2**) saq l-istess vettura minghajr licenzja tas-sewqan, (**3**) saq b’mod traskurat, bla kont u perikoluz, kif ukoll (**4**) minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` ghat-terzi

persuni; u (**5**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq jew kien fil-pussess ta’ l-imsemmija vettura, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmelo Aquilina;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni sedenti f’Malta tas-17 ta’ Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat il-proceduri preskritti u, konsegwentement, illiberat lill-imsemmi Josef Borg;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fil-5 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha 11 ta’ Jannar 2008; ikkunsidrat:

Mis-sentenza ta’ l-ewwel qorti huwa evidenti li din waslet ghall-konkluzjoni li l-azzjoni fir-rigward tad-diversi reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet kienet preskritta – il-preskrizzjoni li qed tigi kontemplata hawn hija dik ta’ sentejn – peress li meta c-citazzjoni thalliet id-dar ta’ l-appellat Borg, din thalliet ma’ huh. L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu bazikament illi l-ewwel qorti interpretat u applikat hazin id-disposizzjoni tal-ligi in tema ta’ notifika ta’ citazzjonijiet.

Ir-reati ipotizzati allegatament sehhew fis-7 ta’ Settembru 2005. Ir-riferta ezibita a fol. 4 ta’ l-atti – li dwarha l-ewwel qorti ma semghet ebda provi – tindika li c-citazzjoni thalliet id-dar ta’ l-appellat ma huh Shaun fid-29 ta’ Awissu 2007 u ghalhekk entro t-terminu ta’ sentejn. Fuq ir-riferta hemm indikat, taht il-kliem “huh Shaun Borg”, il-kliem “16 years”. Skond il-verbal ta’ l-udjenza quddiem il-Qorti tal-Minorenni tas-17 ta’ Ottubru 2007, dik il-qorti giet “infurmata” minn omm l-appellat (allura imputat) li dana Shaun kellu biss 13-il sena. Kien ghalhekk li l-Qorti qieset “l-imsemmija riferta mhux valida skond il-ligi”, u ddikjarat l-azzjoni preskritta.

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-ewwel Qorti, u hi tal-fehma li l-appellant Avukat Generali ghandu, konsegwentement, ragun meta jirritjeni li dik il-qorti interpretat u applikat hazin il-ligi procedurali in materja ta' notifiki. L-Artikolu 362(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li "ic-citazzjoni ghandha tinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod…". Il-ligi penali ma tezigix li c-citazzjoni ghandha tithalla ma' xi persuna partikolari jew ta' eta` partikolari – ghalkemm, bhala prekawzjoni, u biex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet, huwa dejjem prudenti li tali citazzjoni tithalla ma' persuni li ma jkunux ta' eta` zghira hafna (anzi preferibbilment ma' adulti[1]), u dan sabiex jigi assigurat li l-imputat jew akkuzat ikun zgur gie a konjizzjoni tad-data meta huwa jkun gie msejjeh biex jidher quddiem il-qorti. Kullma tirrikjedi din id-disposizzjoni, ghall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, huwa li c-citazzjoni "tithalla fid-dar" tar-residenza abitwali tal-imputat jew akkuzat, u l-persuna li tirceviha hija mehtiega biss ghall-fini tal-prova li verament dik ic-citazzjoni thalliet f'dik id-dar. Huwa minnu, kif tajjeb osservat l-abbili difensur tal-appellat, Dott. Veronique Dalli, li l-ligi tghid li huwa "jekk il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment" li c-citazzjoni ghandha hekk tithalla fid-dar tar-residenza abitwali tal-imputat jew akkuzat. Pero` din l-espressjoni – "jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment" – ma tfissirx li l-ufficjal ezekutur ghandu xi obbligu li joqghod jaghmel diversi tentattivi biex jigi wicc-imb-wicc mal-persuna li ghandu jinnotifika biex ic-citazzjoni jaghtihielu f'idejh. L-istruttura tas-subartikolu (1) in kwistjoni tippostula zewg metodi ta' notifika: il-mod preferut, anke peress li b'dan il-mod ftit li xejn jista' jkun hemm kwistjonijiet dwar jekk verament l-imputat jew akkuzat kienx jaf bid-data ta' meta kellu jidher il-qorti, cioe` li c-citazzjoni tinghata f'idejn dak li jkun, ikun fejn ikun (dejjem, pero`, salv l-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 363); u t-tieni metodu, li c-citazzjoni tithalla fid-dar kif inghad. Huwa evidenti li l-aktar post fejn wiehed

---

[1] Ara a propositu is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Themistocles sive Temi Attard**.

jistenna' li ghandu jsib persuna huwa fil-post fejn l-istess persuna tirrisjedi, u jekk din ma tkunx hemm meta jmur l-ufficjal ezekutur, ifisser li "ma tkunx tista' tinsab facilment" ghall-finijiet tad-disposizzjoni in kwistjoni, b'mod ghalhekk li l-ufficjal ezekutur ghandu jhalli c-citazzjoni fid-dar. Sia bl-ewwel metodu u sia bit-tieni metodu tkun saret in-notifika validament ghall-finijiet u effetti kollha tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 693(1) tal-Kap. 9. Fil-kaz in dizamina, kieku rrizulta li Shaun naqas milli jgib dik ic-citazzjoni a konjizzjoni ta' huh (l-appellat odjern), dan il-fatt kien, se mai, jiskuza lill-appellat ghan-nuqqas ta' dehra tieghu quddiem il-Qorti tal-Minorenni, izda ma kienx jintitolah jeccepixxi l-preskrizzjoni galadarba l-Pulizija Ezekuttiva kienet osservat wahda miz-zewg modalitajiet tan-notifika msemmija fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 362. Fil-kaz in dizamina jirrizulta li l-appellat deher quddiem l-ewwel qorti, b'mod ghalhekk li anke l-iskop principali tac-citazzjoni – li l-imputat jew akkuzat iwiegeb ghas-sejha tal-qorti u jidher quddiemha – gie ezawrit.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tqieghed lill-appellat Josef Borg fil-posizzjoni li kien fiha minnufih kif bdiet l-udjenza quddiem il-Qorti tal-Minorenni tas-17 ta' Ottubru 2007, tirrinvija l-atti lura lil dik il-qorti sabiex tkompli tisma' l-kawza u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------